Ġabra tal-ġurisprudenza

SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Is-Sitt Awla)

29 ta' April 2021*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Agrikoltura – Politika Agrikola Komuni (PAK) – Skemi ta' għajnuna diretta – Ettaru eliġibbli – Impjanti tal-akwakultura – Użu katastali – Użu effettiv għal finijiet agrikoli – Użu konformi mar-reġistrazzjonijiet fir-reġistru tal-artijiet"

Fil-Kawżi magħquda C-294/19 u C-304/19,

li għandhom bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Curtea de Apel Constanța (il-Qorti tal-Appell ta' Constantza, ir-Rumanija) permezz ta' deċiżjonijiet tas-27 u tad-29 ta' Marzu 2019, li waslu fil-Qorti tal-Ġustizzja fl-10 u fit-12 ta' April 2019 rispettivament, fil-proċeduri

**Agenția de Plăți și Intervenție pentru Agricultură -– Centrul Județean Tulcea**

vs

**SC Piscicola Tulcea SA** (C-294/19),

u

**Ira Invest SRL**

vs

**Agenția de Plăți și Intervenție pentru Agricultură - Centrul Județean Tulcea** (C-304/19),

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Is-Sitt Awla),

komposta minn L. Bay Larsen (Relatur), President tal-Awla, C. Toader u M. Safjan, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: P. Pikamäe,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għal SC Piscicola Tulcea SA, minn D. Damgalin, avocată,

– għall-Gvern Rumen, inizjalment minn E. Gane, O.-C. Ichim, S.-A. Purza u C.-R. Canțăr, sussegwentement minn E. Gane, O.-C. Ichim u S.-A. Purza, bħala aġenti,

* Lingwa tal-kawża: ir-Rumen.

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn A. Sauka u G.-D. Balan, bħala aġenti,

wara li rat id-deċiżjoni, meħuda wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li l-kawża tinqata' mingħajr konklużjonijiet

tagħti l-preżenti

**Sentenza**

1 It-talbiet għal deċiżjoni preliminari jirrigwardaw l-interpretazzjoni tal-Artikolu 2 tal-Artikolu 34(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 tad-19 ta' Jannar 2009 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi ta' appoġġ dirett għal bdiewa fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għal bdiewa, u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1290/2005, (KE) Nru 247/2006, (KE) Nru 378/2007 u li jirrevoka ir-Regolament (KE) Nru 1782/2003 (ĠU 2009, L 30, p. 16), tal-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1120/2009 tad-29 ta' Ottubru 2009 li jippreskrivi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tal-iskema ta' pagament uniku li hemm provvediment dwarha fit-Titolu III tar-Regolament Nru 73/2009 (ĠU 2009, L 316, p. 1), kif ukoll tal-Artikolu 4(1)(a) sa (c), (e) u (f), tal-Artikolu 10, tal-Artikolu 21(1) u tal-Artikolu 32(2) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi regoli għal pagamenti diretti lill-bdiewa taħt skemi ta' appoġġ fil-qafas tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 637/2008 u r-Regolament Nru 73/2009 (ĠU 2013, L 347, p. 608 u r-rettifika fil-ĠU 2016, L 130, p. 7).

2 Dawn it-talbiet tressqu fil-kuntest ta' żewġ tilwimiet bejn, minn naħa, l-Agenția de Plăți și Intervenție pentru Agricultură – Centrul Județean Tulcea (l-Aġenzija ta' Pagamenti u ta' Intervent għall-Agrikoltura – Iċ-Ċentru Dipartimentali ta' Tulcea, ir-Rumanija) (iktar 'il quddiem l-"APIA") u SC Piscicola Tulcea SA u, min-naħa l-oħra, Ira Invest SRL u l-APIA, dwar il-pagamenti uniċi skont l-erja għall-użu bħala art li tinħarat ta' erjas mniżżla fir-reġistru tal-artijiet bħala intiżi għall-akwakultura.

## Il-kuntest ġuridiku

### *Id-dritt tal-Unjoni*

#### *Ir-Regolament Nru 73/2009*

3 Ir-Regolament Nru 73/2009 tħassar bir-Regolament Nru 1307/2013.

4 Il-premessa 3 tar-Regolament Nru 73/2009 kien jipprovdi:

"Ir-Regolament (KE) Nru 1782/2003 [tal-Kunsill tad-29 ta' Settembru 2003 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi diretti ta' appoġġ fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għall-bdiewa u li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 2019/93, (KE) Nru 1452/2001, (KE) Nru 1453/2001, (KE) Nru 1454/2001, (KE) Nru 1868/94, (KE) Nru 1251/1999, (KE) Nru 1254/1999, (KE) Nru 1673/2000, (KE) Nru 2358/71 u (KE) Nru 2529/2001 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 40, p. 269),] stabbilixxa l-prinċipju li l-bdiewa li ma jikkonformawx ma' ċerti ħtiġiet fl-oqsma tas-saħħa tal-pubbliku, tal-annimali u tal-pjanti, u l-ambjent u l-benessri tal-annimali huma soġġetti għal tnaqqis jew għal esklużjoni minn appoġġ dirett. Din is-sistema ta' 'kundizzjonalità' tifforma parti integrali mill-appoġġ Komunitarju taħt il-pagamenti diretti u għalhekk għandha

tinżamm. Madankollu, l-esperjenza turi li għadd ta' ħtiġiet fl-ambitu tal-kundizzjonalità m'humiex rilevanti biżżejjed għall-attività agrikola jew l-art agrikola jew jikkonċernaw aktar l-awtoritajiet nazzjonali milli l-bdiewa. Għaldaqstant huwa xieraq li l-ambitu tal-kundizzjonalità jiġi aġġustat."

5 L-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 73/2009 kien jipprovdi:

"Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament għandhom japplikaw dawn id-definizzjonijiet:

[...]

c) 'attività agrikola' tfisser il-produzzjoni, it-trobbija jew it-tkabbir ta' prodotti agrikoli inklużi l-ħsad, il-produzzjoni tal-ħalib, it-trobbija tal-annimali u ż-żamma ta' annimali għal skopijiet ta' biedja, jew iż-żamma tal-art f'kondizzjoni agrikola u ambjentali tajba kif stabbilit fl-Artikolu 6;

[...]

h) 'erja agrikola' tfisser l-erja totali kollha użata bħala art għall-kultivazzjoni, mergħa permanenti jew uċuħ permanenti."

6 L-Artikolu 34 ta' dan ir-regolament kien jipprovdi:

"1. L-appoġġ lill-bdiewa taħt l-iskema tal-pagament uniku għandu jingħata malli jiġi attivat id-dritt għal pagament għal kull ettaru eliġibbli. Drittijiet għal pagament attivati għandhom jagħtu dritt għal pagament tal-ammonti ffissati bihom.

2. Għall-finjiet ta' dan it-Titolu, 'ettaru eliġibbli' għandha tfisser:

a) kwalunkwe erja agrikola tal-azjenda, u kwalunkwe erja mħawla bi msaġar ta' rotazzjoni qasira (kodiċi tan-NM ex 0602 90 41), użata għal attività agrikola jew, meta l-erja tintuża ukoll għal attivitajiet mhux agrikoli, użata predominatament għal attivitajiet agrikoli; [...]

[...]"

*Ir-Regolament Nru 1120/2009*

7 L-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 1120/2009, li tħassar bir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 639/2014 tal-11 ta' Marzu 2014 li jissupplimenta r-Regolament Nru 1307/2013 u li jemenda l-Anness X ta' dak ir-Regolament (ĠU 2014, L 181, p. 1), kien ifformulat kif ġej:

"Għall-finijiet tat-Titolu III tar-Regolament [...] Nru 73/2009 u ta' dan ir-Regolament, id-definizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw:

a) 'raba' li jinħarat": tfisser art maħduma sabiex jiġu prodotti l-uċuħ tar-raba' jew inkella art miżmuma f'qagħda agrikola u ambjentali tajba skont l-Artikolu 6 tar-Regolament [...] Nru 73/2009,

kemm jekk dik l-art tkun bis-serer jew taħt kopertura fissa jew mobbli kif ukoll jekk le; [...]"

*Ir-Regolament (KE) Nru 1122/2009*

8 L-Artikolu 80 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1122/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 fir-rigward tal-kundizzjonalità, il-modulazzjoni u s-sistema integrata ta' amministrazzjoni u kontroll, skont l-iskemi ta' appoġġ għall-bdiewa previsti għal dak ir-Regolament, kif ukoll

għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tal-kundizzjonalità skont l-iskema ta' appoġġ prevista għas-settur tal-inbid (ĠU 2009, L 316, p. 65) u li tħassar mir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 640/2014 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tas-sistema integrata ta' amministrazzjoni u kontroll u l-kundizzjonijiet għar-rifjut jew l-irtirar ta' pagamenti u penali amministrattivi applikabbli għall-pagamenti diretti, l-appoġġ għall-iżvilupp rurali u l-kundizzjonalità (ĠU 2014, L 181, p. 48), kien jipprovdi:

"1. Jekk isir pagament mhux dovut, il-bidwi għandu jħallas lura l-ammont konċernat miżjud b'imgħax ikkalkolat skont il-paragrafu 2.

[…]

3. L-obbligu tal-pagament lura msemmi fil-paragrafu 1 ma għandux japplika jekk il-pagament kien magħmul bi żball mill-awtorità kompetenti jew minn awtorità oħra u jekk l-iżball setgħax jinstab b'mod raġonevoli mill-bidwi.

Madankollu, meta l-iżball jirrigwarda l-elementi tal-fatti rilevanti għall-kalkolu tal-pagament konċernat, l-ewwel subparagrafu għandu japplika biss jekk id-deċiżjoni għall-irkupru ma kinitx ikkomunikata fi żmien 12-il xahar mill-pagament."

*Ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013*

9 Ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2799/98, (KE) Nru 814/2000, (KE) Nru 1200/2005 u (KE) Nru 485/2008 (ĠU 2013, L 347, p. 549, rettifika fil-ĠU 2017, L 327, p. 83), jiddikjara, fil-premessi 53 u 54 tiegħu, li, skont is-sistema ta' kundizzjonalità li għandha tinżamm, l-Istati Membri huma obbligati li jimponu sanzjonijiet fil-forma ta' tnaqqis jew ta' esklużjoni mill-għajnuna mogħtija abbażi tal-politika agrikola komuni (PAK), fl-intier tagħha jew parzjalment.

*Ir-Regolament Nru 1307/2013*

10 Il-premessa 4 tar-Regolament Nru 1307/2013 tipprovdi:

"Huwa meħtieġ li jiġi ċċarat li r- Regolament (UE) [Nru 1306/2013] u d-dispożizzjonijiet adottati skont dan għandhom japplikaw b'rabta mal-miżuri stabbiliti f'dan ir-Regolament. Biex ikun hemm konsistenza ma' strumenti legali oħra relatati mal-PAK, xi regoli li huma previsti bħalissa fir-Regolament […] Nru 73/2009 huma issa stabbiliti fir-Regolament […] Nru 1306/2013, b'mod partikolari r-regoli sabiex jiggarantixxu l-konformità mal-obbligi stabbiliti b'dispożizzjonijiet dwar il-pagamenti diretti, inklużi l-kontrolli u l-applikazzjoni ta' miżuri amministrattivi u ta' penalitajiet amministrattivi f'każ ta' nuqqas ta' konformità, ir-regoli relatati mal-kondizzjonalità bħar-rekwiżiti statutorji tal-ġestjoni, il-kondizzjoni agrikola u ambjentali tajba, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni ta' miżuri u r-regoli rilevanti relatati mal-ħlas tal-avvanzi u mal-irkupru ta' pagamenti mhux dovuti."

11 L-Artikolu 4(1) tar-Regolament Nru 1307/2013 jipprovdi:

"Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

[…]

b) ‘impriża’ tfisser l-unitajiet kollha użati għall-attivitajiet agrikoli mmexxija minn bidwi li jinsabu fit-territorju tal-istess Stat Membru;

c) ‘attività agrikola’ tfisser:
   i) il-produzzjoni, it-trobbija jew it-tkabbir ta’ prodotti agrikoli, inklużi l-ħsad, it-taħlib, it-trobbija tal-annimali u ż-żamma tal-annimali għall-finijiet ta’ biedja,
   ii) iż-żamma ta’ erja agrikola fi stat li jagħmilha tajba għar-ragħa jew għall-kultivazzjoni mingħajr azzjoni ta’ tħejjija li tmur lil hinn mill-metodi u makkinarji agrikoli tas-soltu, abbażi ta’ kriterji stabbiliti mill-Istati Membri abbażi ta’ qafas stabbilit mill-Kummissjoni, jew
   iii) it-twettiq ta’ attività minima,, definita mill-Istati Membri, fuq erjas agrikoli li huma miżmuma b’mod naturali fi stat tajjeb għar-ragħa jew għall-kultivazzjoni;

d) ‘prodotti agrikoli’ tfisser il-prodotti, bl-eċċezzjoni tal-prodotti tas-sajd, elenkati fl-Anness I għat-Trattati kif ukoll il-qoton;

e) ‘erja agrikola’ tfisser kull erja meħuda minn raba’ li jinħarat, bwar permanenti u mergħat permanenti, jew għelejjel permanenti;

f) ‘rabà’ tfisser art li hija kkultivata għall-produzzjoni tal-uċuħ tar-rabà jew erjas disponibbli għall-produzzjoni tal-uċuħ tar-rabà iżda li hija mistrieħa, inklużi erjas mwarrba skont l-Artikoli 22, 23 u 24 tar-Regolament (KE) Nru 1257/1999 [tal-Kunsill tas-17 ta’ Mejju 1999 dwar is-sostenn għal żvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Gwida u Garanzija (FAEGG) u jemenda u jħassar ċerti Regolamenti (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 25, p. 391)] l-Artikolu 39 tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005 [tal-Kunsill tal-20 ta’ Settembru 2005 dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) (ĠU 2005, L 277, p. 1)] u l-Artikolu 28 tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013 [tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta’ Diċembru 2013 dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 (ĠU 2013, L 347, p. 487, rettifika fil-ĠU 2016, L 130, p. 1)], irrispettivament jekk l-art tinsabx taħt serer jew taħt kopertura fissa jew mobbli”.

12 L-Artikolu 10 tar-Regolament Nru 1307/2013 jipprevedi:

“1. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu f’liema wieħed mill-każijiet li ġejjin, li ma jagħtux pagamenti diretti lil bidwi:

1. fejn l-ammont totali ta’ pagamenti diretti mitlub jew li jkun imissu jingħata qabel l-applikazzjoni tal-Artikolu 63 tar-Regolament [...] Nru 1306/2013 f’sena kalendarja partikolari jkun anqas minn EUR 100;

2. fejn l-erja eliġibbli tal-impriża li għaliha jintalbu pagamenti diretti jew li jkun imisshom jingħataw qabel l-applikazzjoni tal-Artikolu 63 tar-Regolament [...] Nru 1306/2013 tkun anqas minn ettaru.

2. Biex iqisu l-istruttura tal-ekonomiji agrikoli tagħhom, l-Istati Membri jistgħu jaġġustaw il-livelli limiti stabbiliti fil-punti (a) u (b) tal-paragrafu 1 fil-limiti stabbiliti fl-Anness IV.

3. Meta Stat Membru jkun iddeċieda li japplika livell limitu għal żona skont il-punt (b) tal-paragrafu 1, għandu madankollu japplika l-punt (a) ta’ dak il-paragrafu għal dawk il-bdiewa li qed jirċievu l-appoġġ akkoppjat relatat mal-annimali msemmi fit-Titolu IV li għandhom anqas ettari mil-livell limitu għaż-żona.

4. L-Istati Membri kkonċernati jistgħu jiddeċiedu li ma japplikawx il-paragrafu 1 għar-reġjuni ultraperiferiċi u għall-gżejjer minuri tal-Eġew.

5. Fil-Bulgarija u fir-Rumanija, għas-sena 2015, l-ammont mitlub jew li jkun imissu jingħata kif imsemmi fil-punt (a)_tal-paragrafu 1 għandu jkun ikkalkulat abbażi tal-ammont rilevanti stabbilit fil-punt A tal-Anness V.

Fil-Kroazja, għas-snin 2015-2021, l-ammont mitlub jew li jkun imissu jingħata kif imsemmi fil-punt (a) tal-paragrafu 1 għandu jkun ikkalkulat abbażi tal-ammont stabbilit fil-punt A tal-Anness VI."

13 L-Artikolu 21(1) tar-Regolament Nru 1307/2013 jipprevedi:

"1. Għandu jkun disponibbli appoġġ taħt l-iskema ta' pagament bażiku għall-bdiewa:

1. li jakkwistaw drittijiet għall-pagament skont dan ir-Regolament permezz ta' allokazzjoni f'konformità mal-Artikolu 20(4), permezz tal-ewwel allokazzjoni skont l-Artikolu 24 jew l-Artikolu 39, permezz ta' allokazzjoni mir-riżerva nazzjonali jew mir-riżervi reġjonali skont l-Artikolu 30 jew permezz ta' trasferiment skont l-Artikolu 34; jew

2. li jkunu konformi mal-Artikolu 9 u li għandhom bi sjieda jew b'kirja drittijiet għall-pagament fi Stat Membru li ddeċieda, f'konformità mal-paragrafu 3, li jżomm id-drittijiet għall-pagament eżistenti tiegħu."

14 L-Artikolu 32 tal-imsemmi regolament jipprovdi:

"1. L-appoġġ skont l-iskema ta' pagament bażiku għandu jingħata lill-bdiewa, permezz ta' dikjarazzjoni […], mal-attivazzjoni ta' dritt għall-pagament għal kull ettaru eliġibbli fl-Istat Membru fejn ikun ġie allokat. […]

2. Għall-finijiet ta' dan it-Titolu, 'ettaru eliġibbli' tfisser:

a) kull żona agrikola tal-impriża, inklużi erjas li ma kinux f'kondizzjoni agrikola tajba fit-30 ta' Ġunju 2003 fl-Istati Membri li aderixxew mal-Unjoni fl-1 ta' Mejju 2004 li mal-adeżjoni ddeċidew li japplikaw l-iskema ta' pagament uniku skont l-erja, li tintuża għal attività agrikola jew, fejn l-erja tintuża wkoll għal attivitajiet mhux agrikoli, tintuża b'mod predominanti għal attivitajiet agrikoli; jew

[…]

3. Għall-finijiet tal-punt (a) tal-paragrafu 2:

a) fejn erja agrikola ta' impriża tintuża wkoll għal attivitajiet mhux agrikoli, dik iż-żona għandha titqies li għandha tintuża b'mod predominanti għal attivitajiet agrikoli bil-kondizzjoni li dawk l-attivitajiet agrikoli jkunu jistgħu jiġu eżerċitati mingħajr ma jkunu mfixklin b'mod sinifikanti mill-intensità, in-natura, it-tul ta' żmien u l-waqt tal-attivitajiet mhux agrikoli;

[…]"

15 Skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 74 tar-Regolament Nru 1307/2013, dan tal-aħħar għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2015.

***Id-dritt Rumen***

*Il-Liġi Nru 18/1991*

16 L-Artikolu 2 tal-Legea nr. 18/1991 a fondului funciar (il-Liġi Nru 18/1991 dwar il-Proprjetà Immobbli, *Monitorul Oficial al României*, Parti I, Nru 1 tal-5 ta' Jannar 1998), fil-verżjoni tagħha applikabbli għall-kawżi prinċipali, huwa fformulat kif ġej:

"Skont l-użu tagħhom, l-artijiet huma:

a) artijiet għal użu agrikolu u, b'mod iktar preċiż: l-artijiet agrikoli produttivi – artijiet li jinħartu, il-vinji, il-ġonna b'siġar tal-frott, il-mixtliet ta' dwieli u ta' siġar tal-frott, pjantaġġuni ta' ħops u ta' siġar taċ-ċawsli, mergħat, ragħa, serer, xelters għal kultivazzjoni forzata, nebbieta u strutturi oħra simili — l-artijiet b'veġetazzjoni forestali, jekk dawn ma jifformawx parti minn żvilupp forestali, mergħat bis-siġar, l-artijiet okkupati minn bini, installazzjonijiet agro-żootekniċi, impjanti tal-akwakultura u ta' titjib tal-artijiet, it-toroq tekniċi u ta' użu agrikolu, il-pjattaformi u postijiet ta' ħażna li jissodisfaw il-bżonnijiet tal-produzzjoni agrikola u l-artijiet mhux produttivi li jistgħu jiġu organizzati u użati għall-produzzjoni agrikola;

[…]

c) artijiet dejjem taħt l-ilma jiġifieriml-qigħan tax-xmajjar żgħar, il-baċiri tal-lagijiet sal-livell massimu ta' ritenzjoni, il-qiegħ tal-ilmijiet marittimi interni u tal-baħar territorjali".

*Id-digriet Nru 534/2001*

17 In-Normele tehnice pentru introducerea cadastrului general (ir-Regoli Tekniċi għar-Registrazzjoni fir-Reġistru tal-Artijiet), approvati mill-Ordinul ministrului administrației publice nr. 534/2001 (id-Digriet Nru 534/2001 tal-Ministru għall-Amministrazzjoni Pubblika) (*Monitorul Oficial al României*,Parti I, Nru 744 tal-21 ta' Novembru 2001) jipprovdu:

"7. Kriterji ta' tqassim tal-artijiet skont l-użu tagħhom

[…]

7.2. Artijiet għal użu agrikolu

7.2.1. Il-kategorija tal-artijiet għal użu agrikolu tinkludi l-artijiet li jinħatru, […] impjanti tal-akwakultura, […]

[…]

8. Kriterji għall-klassifikazzjoni u għad-determinazzjoni tal-użu tal-artijiet u tal-bini

8.1. Dispożizzjonijiet ġenerali

8.1.1. Il-kategorija ta' użu tal-artijiet, indikata minn kodiċi, tikkostitwixxi waħda mill-attributi tar-roqgħa art. Ir-reġistrazzjoni tal-kategorija ta' użu tal-attributi l-oħra fil-parti teknika tar-reġistru ġenerali tal-artijiet hija neċessarja […] għall-istabbiliment tar-reġistru tal-artijiet […]

[…]

8.2. Kriterji għad-determinazzjoni tal-kategoriji ta' użu tal-artijiet

8.2.1. ʽArtijiet li jinħartu (A). Din il-kategorija tkopri l-erjas li jinħartu […] u fejn jiġu kkultivati pjanti annwali jew perenni bħalma huma ċ-ċereali, […]

[…]”

*Id-Digriet ta’ Urġenza tal-Gvern Nru 125/2006*

18 Skont l-Artikolu 5 tal-Ordonanța de urgență a guvernului nr. 125/2006 din 21 decembrie 2006 pentru aprobarea schemelor de plăți directe și plăți naționale directe complementare, care se acordă în agricultură începând cu anul 2007, și pentru modificarea articolului 2 din Legea nr. 36/1991 privind societățile agricole și alte forme de asociere în agricultură (id-Digriet ta’ Urġenza tal-Gvern Nru 125/2006 tal-21 ta’ Diċembru 2006 li Japprova Skemi ta’ Pagamenti Diretti u ta’ Pagamenti Diretti Nazzjonali Komplementari, Mogħtija fil-Qasam tal-Agrikoltura mis-sena 2007, u li jemenda l-Artikolu 2 tal-Liġi Nru 36/1991 dwar il-Kumpanniji Agrikoli u Forom Oħrajn ta’ Assoċjazzjonijiet fl-Agrikoltura) (Monitorul Oficial al României, Taqsima I, Nru 1043 tad-29 ta’ Diċembru 2006), fil-verżjoni tiegħu applikabbli relattivament għas-snin 2007 sal-2014:

“1. L-iskema ta’ pagament uniku skont l-erja tikkonsisti fl-għoti ta’ ammont uniformi għal kull ettaru, li jitħallas darba fis-sena u kompletament indipendenti mill-produzzjoni.

[…]

3) L-erja agrikola eliġibbli tista’ taqa’ taħt il-kategoriji ta’ użu li ġejjin:

a) ‘artijiet li jinħatru’ — artijiet ikkultivata għall-produzzjoni ta’ ċereali tal-qamħ, […]”

19 L-Artikolu 7(1) ta’ dan id-digriet ta’ urġenza tal-gvern jipprovdi:

“Sabiex ikunu jistgħu jibbenefikaw mill-pagamenti taħt l-iskemi ta’ pagament uniku skont l-erja, l-applikanti għandhom ikunu rreġistrati fir-Reġistru tal-Bdiewa amministrat mill-[APIA], jippreżentaw l-applikazzjoni għal pagament fit-termini u josservaw il-kundizzjonijiet ġenerali li ġejjin:

a) ikollhom l-użu ta’ artijiet agrikoli b’erja minima ta’ ettaru; […]

b) ikunu ddikjaraw l-irqajja’ agrikoli kollha;

[…]

e) josservaw il-kundizzjonijiet agrikoli u ambjentali tajba, irregolati mil-leġiżlazzjoni nazzjonali, fuq l-erja agrikola kollha tal-impriża;

f) ikunu ppreżentaw id-dokumenti li juru d-dritt ta’ użu u jkunu f’pożizzjoni li juru li jużaw l-artijiet indikati fl-applikazzjoni;

[…]”

*Il-Liġi Nru 122/2014*

20 Skont l-Artikolu 3 tal-Legea nr. 122/2014 pentru completarea Legii nr.°82/1993 privind constituirea Rezervației Biosferei "Delta Dunării" (il-Liġi Nru 122/2014 li Tikkompleta l-Liġi Nru 82/1993 dwar l-Istabbiliment tar-Riżerva tal-Bijosfera tad-"Delta tad-Danubju") (*Monitorul Oficial al României*, Parti I, Nru 541 tat-22 ta' Lulju 2014):

"Mill-15 ta' Settembru 2014, l-ebda sussidju agrikolu ma jingħata għal artijiet li jirrigwardaw impjanti antiki ta' akwakultura li jinsabu fir-riżerva tal-bijosfera tad-Delta tad-Danubju".

*L-OUG Nru 3/2015*

21 L-Ordonanța de urgență a guvernului nr.°3/2015 pentru aprobarea schemelor de plăți care se aplică în agricultură în perioada 2015-2020 și pentru modificarea art. 2 din Legea nr.°36/1991 privind societățile agricole și alte forme de asociere în agricultură (id-Digriet ta' Urġenza tal-Gvern Nru 3/2015 li Japprova l-Iskemi ta' Pagament Applikabbli fil-Qasam tal-Agrikoltura Matul il-Perijodu 2015-2020 u li Jemenda l-Artikolu 2 tal-Liġi Nru 36/1991 dwar il-Kumpanniji Agrikoli u Forom Oħrajn ta' Assoċjazzjonijiet fil-Qasam tal-Agrikoltura) tat-18 ta' Marzu 2015 (*Monitorul Oficial al României*, Parti I, Nru 191 tat-23 ta' Marzu 2015, iktar 'il quddiem l-"OUT Nru 3/2015"), fil-verżjoni tiegħu applikabbli għal waħda mill-kawżi prinċipali (C-304/19), jipprovdi fl-Artikolu 2 tiegħu:

"1. Għall-finijiet ta' dan id-digriet ta' urġenza, it-termini li ġejjin huma ddefiniti kif ġej [...] [...]

n) 'erja agrikola': l-erja kollha tal-artijiet li jinħartu, bwar permanenti u mergħat permanenti, jew għelejjel permanenti;

o) 'artijiet li jinħartu': l-artijiet ikkultivati għall-produzzjoni agrikola jew l-erjas disponibbli għall-produzzjoni agrikola, iżda li ma jkunux imwarrba, indipendentement minn jekk dawn l-artijiet ikunux jinsabu taħt serer jew le, minn jekk ikunux taħt xelters għal kultivazzjoni forzata jew jekk ikunux jinsabu taħt kopertura fissa jew mobbli;

[...]

r) użu tal-artijiet: l-użu għall-finijiet ta' attivitajiet agrikoli tal-erja ta' art agrikola tal-impriża li tinsab għad-dispożizzjoni tal-bidwi fid-data tal-preżentata tal-applikazzjoni, matul is-sena ta' applikazzjoni".

22 Skont l-Artikolu 8(1)(n) tal-OUG Nru 3/2015, sabiex jibbenefikaw mill-pagamenti diretti, il-bdiewa għandhom jippreżentaw, meta jippreżentaw l-applikazzjoni għal pagament uniku jew modifiki magħmula lilha, id-dokumenti neċessarji li jipprovaw li l-artijiet agrikoli, inklużi ż-żoni ta' interess ekoloġiku, jinsabu għad-dispożizzjoni tagħhom.

*Id-Deċiżjoni Nru 619/2015*

23 L-Ordinul nr. 619/2015 ministrului agriculturii și dezvoltării rurale pentru aprobarea criteriilor de eligibilitate, condițiilor specifice și a modului de implementare a schemelor de plăți prevăzute la art. 1 alin. (2) și (3) din Ordonanța de urgență a Guvernului n° 3/2015 pentru aprobarea schemelor de plăți care se aplică în agricultură în perioada 2015-2020 și pentru modificarea art. 2 din Legea nr.°36/1991 privind societățile agricole și alte forme de asociere în agricultură, precum și a condițiilor specifice de implementare pentru măsurile compensatorii de dezvoltare rurală aplicabile pe terenurile agricole, prevăzute în Programul Național de Dezvoltare Rurală 2014-2020 (id-Deċiżjoni tal-Ministru għall-Agrikoltura u għall-Iżvilupp Rurali Nru 619/2015 dwar Approvazzjoni tal-Kriterji ta' Eliġibbiltà, tal-Kundizzjonijiet Speċifiċi u tal-Modalitajiet ta' Implimentazzjoni tal-Iskema ta' Ħlas Prevista

fl-Artikolu 1(2) u (3) tad-Digriet ta' Urġenza tal-Gvern Nru 3/2015 li japprova skemi ta' ħlas applikabbli fil-qasam tal-agrikoltura matul il-perijodu 2015-2020, u dwar il-Kundizzjonijiet Speċifiċi ta' Implimentazzjoni tal-Miżuri Kumpensatorji ta' Żvilupp Rurali Applikabbli għall-Artijiet Agrikoli Msemmija fil-Programm Nazzjonali għall-Iżvilupp Rurali 2014-2020), fil-verżjoni tiegħu applikabbli għal waħda mill-kawżi prinċipali (C-304/19), tipprovdi fl-Artikolu 5(2) tagħha:

"Mis-sena ta' talba 2015, id-dokumenti li jipprovaw l-użu legali tal-artijiet li għandhom jiġu ppreżentati lill-APIA, skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8(1)(n) tad-digriet, huma dawk relatati:

a) mal-azjenda li fil-kuntest tagħha titwettaq l-attività agrikola: iċ-ċertifikat għandu jimtela' skont il-mudell […] u għandu jkun akkumpanjat minn kopja ċċertifikata tal-paġni li fihom tkun tinsab l-informazzjoni […] tar-reġistru agrikolu 2015-2019, skont il-mudell […]

b) l-artijiet agrikoli li jinsabu għad-dispożizzjoni tal-bidwi: kopji ċċertifikati tat-titolu tal-art jew dokumenti oħrajn li jipprovaw id-dritt għall-proprjetà fuq l-artijiet jew kopji ċċertifikati ta' dokumenti oħrajn, […] bħall-kuntratt ta' kiri tal-art, il-kuntratt ta' konċessjoni […];

c) l-identifikazzjoni inekwivoka tal-irqajja' agrikoli użati […]"

24 L-Artikolu 10(5) tal-imsemmija deċiżjoni jipprevedi:

"L-erjas li ġejjin ma humiex eliġibbli għall-benefiċċju tal-pagamenti:

[…]

o) l-erjas użati minn impjanti tal-akwakultura, kif previsti fl-Artikolu 23(20) tar-regolamenti tekniċi li jikkompletaw ir-reġistru agrikolu għall-perijodu 2015–2019 […]"

## Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

### *Il-Kawża C-294/19*

25 Piscicola Tulcea hija kumpannija rregolata mid-dritt Rumen li l-attività prinċipali tagħha matul is-snin 2007–2014 kienet l-akwakultura fl-ilma ħelu u li l-attivitajiet sekondarji awtorizzati tagħha kienu jinkludu, b'mod partikolari, il-kultivazzjoni taċ-ċereali.

26 Bis-saħħa ta' sensiela ta' kuntratti ta' konċessjoni konklużi mal-Consiliul Județean Tulcea (il-Kunsill Dipartimentali ta' Tulcea, ir-Rumanija) matul is-snin 2004, 2005 u 2010, Piscicola Tulcea kienet tuża, għal erja totali ta' 1 888 ettaru (ha), l-impjanti tal-akwakultura ta' Rusca (ir-Rumanija) u ta' Litcov (ir-Rumanija), li jinsabu fir-riżerva ta' bijosfera tad-delta tad-Danubju.

27 Minkejja li l-kuntratti ta' konċessjoni jistipulaw użu tal-art "għal finijiet ta' akwakultura", il-partijiet kienu ftiehmu, permezz ta' klawżoli supplimentari għall-kuntratti konklużi matul is-snin 2004 u 2005, li l-prezz inizjali tal-konċessjoni kellu jinbidel peress li, "fil-kuntest jew barra mill-kuntest tal-programmi ta' newba tal-għelejjel imposti mit-teknoloġija ta' akwakultura, artijiet inklużi fl-impjanti ta' akwakultura, [kienu] jintużaw bħala artijiet agrikoli". Barra minn hekk, permezz ta' klawżola addizzjonali għall-kuntratt konkluż matul is-sena 2010, ġie stabbilit li Piscicola Tulcea kellha twettaq xogħlijiet ta' newba tal-għelejjel għall-mineralizzazzjoni tal-ħamrija fuq erja ta' 570 ettaru.

28 Permezz ta' deċiżjoni meħuda matul is-sena 2005, Piscicola Tulcea ġiet awtorizzata wkoll mill-Kunsill Reġjonali ta' Tulcea sabiex teżerċita attività ta' tkabbir ta' pjanti fl-impjanti tal-akwakultura ta' Rusca.

29 Għas-snin 2007 sa 2014, Piscicola Tulcea ppreżentat quddiem l-APIA applikazzjonijiet għal pagamenti abbażi, b'mod partikolari, tal-iskema ta' pagament uniku skont l-erja.

30 Dawn l-applikazzjonijiet kienu akkumpanjati minn dokumenti ta' sostenn tad-dritt ta' użu tal-erja li għaliha kienet intalbet għajnuna, jiġifieri l-kuntratti ta' konċessjoni u l-klawżoli supplimentari tagħhom, kif ukoll ċertifikat maħruġ mid-diviżjoni amministrattiva li fit-territorju tagħha kienu jinsabu l-artijiet, li jindika li dawn kienu tniżżlu fir-reġistru agrikolu tal-komun bħala artijiet agrikoli.

31 Ir-rapporti ta' spezzjoni stabbiliti matul is-snin 2008 u 2009 mill-Kunsill Dipartimentali ta' Tulcea wrew li l-art mogħtija taħt konċessjoni kienet użata esklużivament għall-agrikoltura, peress li l-ebda erja ma kienet tintuża għall-akwakultura.

32 Għal kull waħda mis-snin ta' kummerċjalizzazzjoni 2007 sa 2014, l-APIA adottat deċiżjonijiet ta' għoti ta' pagamenti taħt l-iskemi skont l-erja.

33 Matul is-sena 2009, l-APIA wettqet verifika fuq il-post. In-nuqqasijiet ikkonstatati kienu jikkonċernaw id-dikjarazzjoni inkorretta, għas-sena 2007, ta' roqgħa art mhux ikkultivata, li l-erja tagħha ma kinitx sinjifikattiva (80.56 ettaru). Għas-snin ta' kummerċjalizzazzjoni 2010 sa 2014, twettqet verifika viżwali qabel l-approvazzjoni tat-talbiet għal pagament, li wasslet għall-konklużjoni li t-talbiet kienu kompleti u validi.

34 Għas-sena ta' kummerċjalizzazzjoni 2015, it-talba għal pagament ippreżentata minn Piscicola Tulcea ġiet miċħuda mill-APIA, minħabba li l-Artikolu 3 tal-Liġi Nru 122/2014 kien jipprovdi li ebda sussidju agrikolu ma kien ser jingħata għal artijiet relatati ma' impjanti tal-akwakultura antiki li jkunu jinsabu fir-riżerva ta' bijosfera tad-delta tad-Danubju, mill-15 ta' Settembru 2014. Adita minn Piscicola Tulcea b'appell minn deċiżjoni tal-qorti b'ġurisdizzjoni fl-ewwel istanza, il-Curtea de Apel Constanța (il-Qorti tal-Appell ta' Constanțza, ir-Rumanija), permezz ta' deċiżjoni tal-31 ta' Ottubru 2016 li saret definittiva, ordnat lill-APIA sabiex tagħmel il-pagamenti mitluba taħt l-iskemi ta' għajnuna skont l-erja għas-sena ta' kummerċjalizzazzjoni 2015, billi bbażat ruħha, b'mod partikolari, fuq id-definizzjonijiet tat-termini "attività agrikola", "prodotti agrikoli" u "artijiet li jinħartu", li jinsabu fir-Regolament Nru 1307/2013.

35 Matul il-perijodu bejn is-27 ta' Ottubru 2015 u t-13 ta' April 2016, id-Direttorat ta' Kontra l-Frodi u ta' Kontroll Intern tal-APIA wettaq kontroll dokumentarju dwar il-mod kif l-għajnuna kienet ingħatat lil Piscicola Tulcea għas-snin ta' kummerċjalizzazzjoni 2007 sa 2014. Dan il-korp ta' kontroll ikkonkluda minn dan li, fid-dawl tal-leġiżlazzjoni nazzjonali u tad-dokumenti ppreżentati minn Piscicola Tulcea, din tal-aħħar ma kinitx tissodisfa l-kundizzjonijiet ta' ammissibbiltà għall-benefiċċju tal-pagamenti diretti kkonċernati.

36 Wara dan il-kontroll, l-APIA eżaminat mill-ġdid it-talbiet għal pagament ippreżentati għas-snin ta' kummerċjalizzazzjoni 2007 sa 2014. Fit-23 ta' Diċembru 2016, hija stabbilixxiet, għal kull waħda minn dawn is-snin ta' kummerċjalizzazzjoni, proċess verbali li jikkonstata li Piscicola Tulcea kienet indebitament irċeviet pagamenti u ffissat l-ammont tal-kreditu tal-Istat li jirriżulta mill-irregolaritajiet imwettqa u li kellhom jitħallsu lura lill-APIA għal kull sena ta' kummerċjalizzazzjoni.

37 Permezz ta' sentenza tal-1 ta' Frar 2018 mogħtija fil-qasam ċivili, it-Tribunalul Tulcea (il-Qorti tal-Kontea ta' Tulcea, ir-Rumanija) laqgħet ir-rikors ippreżentat minn Piscicola Tulcea fil-15 ta' Marzu 2017 u annullat l-atti kkontestati. Skont din is-sentenza, għalkemm il-kuntratti ta' konċessjoni kkonċernati jindikaw espressament li l-artijiet mogħtija b'konċessjoni kienu okkupati minn impjanti tal-akwakultura u li din il-kumpannija kienet obbligata tużahom għal finijiet ta' akwakultura, in-nuqqas ta' konformità li għalih ir-rimbors tal-ammonti mogħtija lil din il-kumpannija kien ġie ordnat ma kien dovut la għan-negliġenza tagħha u lanqas għal att intenzjonat. Għall-kuntrarju, Piscicola Tulcea pprovdiet informazzjoni fattwali konkreta u suffiċjenti, li tippermetti lill-uffiċjali tal-APIA jivverifikaw il-kundizzjonijiet ta' ammissibbiltà għall-benefiċċju tal-għajnuna inkwistjoni.

Għaldaqstant, din il-qorti kkonkludiet minn dan li, f'dan il-każ, id-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni li jeskludu mir-rimbors il-pagamenti mwettqa minħabba żball tal-awtoritajiet, b'mod partikolari l-Artikolu 80(3) tar-Regolament Nru 1122/2009, kienu japplikaw.

38 Fid-29 ta' Marzu 2018, il-Curtea de Apel Constanța (il-Qorti tal-Appell ta' Constanțza) ġiet adita b'appell ippreżentat mill-APIA u intiż sabiex is-sentenza appellata tiġi kompletament irriformulata u sabiex l-azzjoni mressqa minn Piscicola Tulcea tiġi miċħuda.

39 Il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk, sabiex jiġi vverifikat id-dritt tal-bidwi li jibbenefika mill-miżuri ta' għajnuna skont l-erja, il-qorti nazzjonali għandhiex tieħu inkunsiderazzjoni biss l-użu effettiv tal-erjas mill-bidwi jew, għall-kuntrarju, tieħu inkunsiderazzjoni l-karatteristiċi tal-erjas li jinsabu fl-atti tar-reġistru pubbliku tal-artijiet jew fid-dokumenti li permezz tagħhom il-bidwi jipproduċi l-prova tad-dritt ta' użu tal-artijiet imsemmija fit-talbiet għal pagament kif ukoll il-konformità tal-użu tal-artijiet ma' dawn il-karatteristiċi.

40 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Curtea de Apel Constanța (il-Qorti tal-Appell ta' Constanțza, ir-Rumanija) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda li ġejja:

"Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 2 [u dawk] tal-Artikolu 34(2) tar-Regolament [...] Nru 73/2009 [...] u d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 2 tar-Regolament [...] Nru 1120/2009 [...] għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li, fil-kundizzjonijiet eżistenti fil-kawża prinċipali, teskludi mill-ħlas tad-drittijiet lil bidwi għar-raġuni li l-impjanti ta' akwakultura użati bħala raba' li jinħarat ma jikkostitwixxux "erja agrikola" fis-sens tal-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 1120/2009, peress li ma jiġux ikkunsidrati bħala art ammissibbli b'mod konformi mal-Artikolu 34(2) tar-Regolament (KE) Nru 73/2009 [?]"

***Il-Kawża C-304/19***

41 Ira Invest hija kumpannija rregolata mid-dritt Rumen li għandha bħala attività prinċipali tagħha l-akwakultura u bħala attività sekondarja, b'mod partikolari, il-kultivazzjoni ta' ċereali, legumi, pjanti taż-żejt, ross u ħxejjex, kif ukoll attivitajiet relatati mal-kultivazzjoni tar-raba'.

42 F'talba għal pagament uniku ppreżentata quddiem l-APIA, hija ddikjarat, għall-finijiet tal-għajnuna għas-sena 2016, l-irqajja' agrikoli kollha użati, jiġifieri 757.04-il ettaru.

43 Ira Invest hemżet ma' din it-talba l-kuntratt ta' konċessjoni tat-18 ta' Marzu 2002, konkluż mal-Kunsill Dipartimentali ta' Tulcea, li permezz tiegħu hija kellha d-dritt, bħala konċessjonarja, li tuża artijiet b'erja totali ta' 1 344 ettaru għall-finijiet tal-akwakultura.

44 Ira Invest ippreżentat ukoll att addizzjonali għall-imsemmi kuntratt ta' konċessjoni, tal-15 ta' Mejju 2014, li permezz tiegħu l-partijiet qablu li l-konċessjonarju jwettaq xogħlijiet ta' newba tal-għelejjel għall-mineralizzazzjoni tal-ħamrija fuq erja fuq erja ta' 950 ettaru ta' artijiet ta' akwakultura. Dan l-att addizzjonali jippreċiża li n-newba tal-għelejjel tal-akwakultura jikkonsisti fil-waqfien temporanju tal-akwakultura sabiex jiġi żgurat l-istabbiliment mill-ġdid tal-produttività tal-ħamrija, permezz tal-kultivazzjoni taċ-ċereali jew tal-pjanti industrijali.

45 Permezz ta' deċiżjoni tas-27 ta' Marzu 2017, l-APIA rrifjutat li tilqa' t-talba għal pagament uniku kkonċernata, minħabba li ebda dokument li għandu n-natura ta' ċertifikat konformi mar-reġistru agrikolu ma kien jinsab fis-sistema, b'mod partikolari ebda dokument li jipprova l-użu legali tal-artijiet skont l-Artikolu 5(2) tad-Digriet Nru 619/2015.

46 Ira Invest ressqet ilment inizjali kontra din id-deċiżjoni amministrattiva fejn sostniet, b'mod partikolari, li l-motivazzjoni taċ-ċaħda tat-talba tagħha, ibbażata fuq l-assenza ta' ċertifikat konformi fir-reġistru agrikolu, kienet illegali. F'dan ir-rigward, hija sostniet li l-Artikolu 5(2)(a) tad-Deċiżjoni Nru 619/2015 ma kienx konformi mal-Artikolu 8(1)(n) tal-OUG Nru 3/2015, li huwa att normattiv ta' livell superjuri adottat skont ir-Regolament Nru 1307/2013, li bl-ebda mod ma jipprevedi l-preżentazzjoni ta' ċertifikat, iżda jimponi sempliċement il-prova tal-użu tal-artijiet agrikoli kkonċernati.

47 Permezz ta' deċiżjoni tat-8 ta' Mejju 2017, l-APIA informat lil Ira Invest li din tal-aħħar ma kienet annettiet mal-applikazzjoni għal pagament għas-sena ta' kummerċjalizzazzjoni 2016 l-ebda dokument li jipprova l-kwalità tagħha ta' bidwi attiv. Din id-deċiżjoni tirreferi għall-Artikolu 8(1)(n) tal-OUG Nru 3/2015 dwar l-obbligu, għall-bidwi, li jipprovdi, meta tiġi ppreżentata t-talba għall-pagament uniku, id-dokumenti neċessarji li jipprovaw li l-artijiet agrikoli jinsabu għad-dispożizzjoni tiegħu, inkluż iċ-ċertifikat konformi mar-reġistrazzjonijiet tar-reġistru agrikolu li jikkorrispondi għas-sena li għaliha ssir l-applikazzjoni.

48 Permezz ta' sentenza tas-27 ta' Frar 2018, it-Tribunalul Tulcea (il-Qorti tal-Kontea ta' Tulcea) ċaħdet bħala infondat ir-rikors ta' Ira Invest intiż għall-annullament tal-atti amministrattivi kkontestati. Din il-qorti ddeċidiet li d-deċiżjoni ta' ċaħda kienet ibbażata fuq l-assenza ta' ċertifikat konformi mar-reġistru agrikolu, skont l-Artikolu 5 tad-Digriet Nru 619/2015, u fuq l-assenza ta' prova tal-kwalità ta' bidwi attiv ta' din il-kumpannija. Peress li, fid-dritt Rumen, il-bidla fl-użu tal-artijiet issir skont proċedura determinata, li ma ġietx segwita minn Ira Invest, is-sempliċi użu tal-artijiet għal finijiet agrikoli matul perijodu partikolari ma jippermettix li dawn jiġu kkunsidrati bħala ettari eliġibbli, peress li s-sempliċi rieda tal-konċessjonarju ma tistax tittrasforma l-azjenda ta' akwakultura kkonċernata f'azjenda agrikola.

49 Ira Invest adixxiet lill-qorti tar-rinviju, il-Curtea de Apel Constanța (il-Qorti tal-Appell ta' Constanțza), fid-29 ta' Marzu 2018, b'appell minn din is-sentenza. Fil-kuntest ta' din il-proċedura, Ira Invest sostniet, essenzjalment, li, fid-dawl tar-Regolament Nru 1307/2013, ma hijiex il-kategorija ta' użu tal-artijiet li hija importanti, iżda biss l-użu tagħhom għal finijiet agrikoli. Għalhekk, skont dan ir-regolament, huwa irrilevanti l-fatt li artijiet jaqgħu taħt kategorija ta' użu jew oħra jekk, matul sena kalendarja, dawn ikunu kkultivati għall-ħsad ta' prodotti agrikoli.

50 Skont il-qorti tar-rinviju, iċ-ċirkustanzi partikolari ta' din il-kawża jikkonsistu fil-fatt li r-rikorrenti fil-kawża prinċipali tuża għal finijiet agrikoli artijiet li kienu inklużi fil-fajls amministrattivi bħala li jaqgħu taħt kategorija oħra ta' użu, u li għalhekk kienu espressament esklużi mill-benefiċċju tal-għajnuna finanzjarja skont id-dritt nazzjonali. Għalhekk, tqum b'mod partikolari l-kwistjoni tal-interpretazzjoni tal-Artikolu 32(2) tar-Regolament Nru 1307/2013 f'dak li jirrigwarda d-definizzjoni ta' ettaru eliġibbli, li jagħmel riferiment għal kull erja agrikola tal-azjenda.

51 Issa, il-qorti tar-rinviju għandha dubji dwar it-traspożizzjoni f'din is-sitwazzjoni tal-ġurisprudenza li tirriżulta mis-sentenzi tat-2 ta' Lulju 2015, Wree, (C-422/13, EU:C:2015:438) u tat-2 ta' Lulju 2015, Demmer (C-684/13, EU:C:2015:439),, li fihom il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, sabiex tkun eliġibbli għall-benefiċċju tal-għajnuna kkonċernata, l-erja inkwistjoni fil-kawża prinċipali kellha tkun erja agrikola, tagħmel parti mill-azjenda tal-bidwi u tintuża għal finijiet agrikoli jew, fil-każ ta' użu kompetittiv, essenzjalment tintuża għal tali finijiet.

52 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Curtea de Apel Constanța (il-Qorti tal-Appell ta' Constanțza, ir-Rumanija) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda li ġejja:

"Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 4(1) (b), (c), (e) u (f), tal-Artikolu 10, tal-Artikolu 21(1) u tal-Artikolu 32 (1) sa (5) tar-Regolament Nru 1307/2013 għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li, f'ċirkustanzi bħal dawk fil-kawża prinċipali, teskludi bidwi mill-ħlas tad-drittijiet minħabba li l-art okkupata minn żvilupp ta' għeneb użat bħala art li tinħarat ma tikkostitwixxix żona "agrikola" fis-sens ta' din id-direttiva?"

## Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

53 Permezz ta' digriet tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-12 ta' Ġunju 2019, il-Kawżi C-294/19 u C-304/19 ġew magħquda flimkien għall-finijiet tal-proċedura bil-miktub u dik orali, kif ukoll għall-finijiet tas-sentenza.

## Fuq id-domandi preliminari

54 Fir-rigward tal-Kawża C-294/19, għandu jiġi rrilevat, preliminarjament, li l-perijodu rilevanti relatat mal-fatti inkwistjoni fil-kawża prinċipali jkopri s-sena 2007 sas-sena 2014 u li, qabel l-1 ta' Jannar 2009, ir-Regolament applikabbli matul il-perijodu mis-sena 2007 sa din id-data kien ir-Regolament tal-Kunsill Nru 1782/2003 (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-2 ta' Lulju 2015, Demmer, C-684/13, EU:C:2015:439, punti 49 u 50).

55 Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-kunċett ta' "ettaru eliġibbli", kif iddefinit fl-Artikolu 34(2)(a) tar-Regolament Nru 73/2009 huwa l-istess bħal dak ta' "ettaru eliġibbli", fis-sens tal-Artikolu 44(2) tar-Regolament Nru 1782/2003, u li, għaldaqstant, l-interpretazzjoni tal-ewwel waħda minn dawn id-dispożizzjonijiet kienet tapplika wkoll għat-tieni waħda (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-2 ta' Lulju 2015, Demmer, C-684/13, EU:C:2015:439, punti 52 u 53).

56 Konsegwentement, huwa biżżejjed, fil-kuntest tal-Kawża C-294/19, li d-domanda magħmula tiġi eżaminata fid-dawl tal-Artikolu 34(2)(a) u tal-Artikolu 2(h) tar-Regolament Nru 73/2009, għall-perijodu kollu mill-2007 sal-2014.

57 Minn dan isegwi li, permezz tad-domandi tagħha, li għandhom jiġu eżaminati flimkien, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 2(h) u l-Artikolu 34(2) tar-Regolament Nru 73/2009, kif ukoll l-Artikolu 4(1)(e) u l-Artikolu 32(2) tar-Regolament Nru 1307/2013 għandhomx jiġu interpretati fis-sens li erjas ikklassifikati, fid-dritt nazzjonali, bħala intiżi għall-attività tal-akwakultura, iżda li huma jew effettivament intużaw għal finijiet agrikoli, huma erjas agrikoli.

58 Kif speċifikat fl-Artikolu 34(2)(a) tar-Regolament Nru 73/2009, u fl-Artikolu 32(2)(a) tar-Regolament Nru 1307/2013, il-kunċett ta' "ettaru eliġibbli" jinkludi kull erja agrikola tal-azjenda użata għall-finijiet ta' attività agrikola jew, fil-każ ta' użu wkoll għal attivitajiet mhux agrikoli, essenzjalment użata għal finijiet agrikoli.

59 Il-kunċett ta' "erja agrikola", kif iddefinit fl-Artikolu 2(h) tar-Regolament Nru 73/2009 u fl-Artikolu 4(1)(e) tar-Regolament Nru 1307/2013, jinkludi, b'mod partikolari, "l-erja totali kollha użata bħala art għall-kultivazzjoni".

60 Fil-kawżi prinċipali, mid-deċiżjonijiet tar-rinviju jirriżulta li, minkejja li ġew irreġistrati fir-reġistru tal-artijiet bħala impjanti tal-akwakultura, l-erjas ikkonċernati ġew, fil-kuntest ta' xogħlijiet ta' newba tal-għelejjel, użati bħala artijiet li jinħartu sabiex jinkisbu prodotti agrikoli.

61 It-terminu "art li tinħarat" huwa ddefinit fl-Artikolu 2(a) tar-Regolament Nru 1120/2009, b'mod partikolari, bħala art maħduma sabiex jiġu prodotti l-uċuħ tar-raba' jew art miżmuma f'qagħda agrikola u ambjentali tajba. Fl-Artikolu 4(1)(f) tar-Regolament Nru 1307/2013, dawn huma ddefiniti, b'mod partikolari, bħala li huma l-artijiet ikkultivati intiżi għall-produzzjoni ta' uċuħ tar-raba' jew l-erjas disponibbli għall-produzzjoni ta' uċuħ tar-raba', iżda li huma mwarrba.

62 Issa, hija ġurisprudenza stabbilita li l-klassifikazzjoni ta' "artijiet li jinħartu" u, konsegwentement, dik ta' "erja agrikola", fis-sens tal-imsemmija dispożizzjonijiet, tiddependi mill-użu effettiv tal-artijiet inkwistjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-14 ta' Ottubru 2010, Landkreis Bad Dürkheim, C-61/09, EU:C:2010:606, punt 37; tat-2 ta' Lulju 2015, Wree, C-422/13, EU:C:2015:438, punt 36, u tat-2 ta' Lulju 2015, Demmer, C-684/13, EU:C:2015:439, punt 56).

63 Minn dan jirriżulta li erja għandha tiġi kklassifikata bħala "agrikola" meta din effettivament tkun tintuża bħala "art li tinħarat", fis-sens tad-dispożizzjonijiet imfakkra fil-punt 61 ta' din is-sentenza (ara, b'analoġija, is-sentenza tal-14 ta' Ottubru 2010, Landkreis Bad Dürkheim, C-61/09, EU:C:2010:606, punt 37), u li din il-klassifikazzjoni ma tistax tiġi kkontestata mis-sempliċi fatt li tali erja ntużat bħala art li tinħarat bi ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali dwar il-klassifikazzjoni tal-artijiet.

64 Għalhekk, għandu jitfakkar li sabiex ikunu eliġibbli għall-benefiċċju tal-għajnuna kkonċernata, l-erjas inkwistjoni fil-kawża prinċipali għandhom ikunu erjas agrikoli, jagħmlu parti mill-azjenda tal-bidwi u għandhom ikunu jintużaw għal finijiet agrikoli jew, fil-każ ta' użu differenti, ikunu essenzjalment jintużaw għal tali finijiet (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-2 ta' Lulju 2015, Demmer, C-684/13, EU:C:2015:439, punt 54).

65 Xorta jibqa' l-fatt li, kif sostniet essenzjalment il-Kummissjoni fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha u kif jirriżulta mill-premessa 3 tar-Regolament Nru 73/2009, mill-premessi 53 u 54 tar-Regolament Nru 1306/2013 u mill-premessa 4 tar-Regolament Nru 1307/2013, huma l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti li għandhom jiddeterminaw jekk il-benefiċjarju jkunx osserva r-rekwiżiti fil-qasam tal-kundizzjonalità u li japplikaw sanzjonijiet amministrattivi eventwali, fil-każ ta' nuqqas ta' osservanza ta' dawn ir-rekwiżiti, li jistgħu jikkonsistu fi tnaqqis jew esklużjoni tal-ammont tal-għajnuna kkonċernata.

66 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha, ir-risposta għad-domandi magħmula għandha tkun li l-Artikolu 2(h) u l-Artikolu 34(2) tar-Regolament Nru 73/2009, kif ukoll l-Artikolu 4(1)(e) u l-Artikolu 32(2) tar-Regolament Nru 1307/2013 għandhom jiġu interpretati fis-sens li erjas ikklassifikati, fid-dritt nazzjonali, bħala intiżi għall-attività tal-akwakultura, iżda li huma jew effettivament intużaw għal finijiet agrikoli, huma erjas agrikoli.

**Fuq l-ispejjeż**

67 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) taqta' u tiddeċiedi:

**L-Artikolu 2(h) u l-Artikolu 34(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 tad-19 ta' Jannar 2009 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi ta' appoġġ dirett għal bdiewa fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għal bdiewa, u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1290/2005, (KE) Nru 247/2006, (KE) Nru 378/2007 u li jirrevoka ir-Regolament (KE) Nru 1782/2003, kif ukoll l-Artikolu 4(1)(e) u l-Artikolu 32(2) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi regoli għal pagamenti diretti lill-bdiewa taħt skemi ta' appoġġ fil-qafas tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 637/2008 u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 għandhom jiġu interpretati fis-sens li erjas ikklassifikati, fid-dritt nazzjonali, bħala intiżi għall-attività tal-akwakultura, iżda li huma jew effettivament intużaw għal finijiet agrikoli, huma erjas agrikoli.**

Firem